# BRUGGES

Ħabbruli ġmielek qabel ma ġejt żurtek,
O post ta' siġar sbieħ, ta ward, t'agħsafar,
Ta' djar qdumin mal-ilma sew li nafar
Lill-papru li mill-weraq qalli "Rajtek!!"
Saħħruni l-firxiet sbieħ li tul triqatek
Wassluni sew fil-misraħ kbir li far
Bin-nies u l-baned, f'jum tal-Ħadd in-nhar,
Fix-xemx ta' Mejju fietla, tatik ħajtek.
Imbagħad fit-triq tal-ħwienet tal-bizzilla
Wieħed ħdejn l-ieħor, b'xogħolhom mimlijin,
Urejt kif taħdem l-id meta l-qalb trid.
U ħlomt tax-xogħol il-ħeġġa, s-sahra, l-qilla,
Li bihom sajf u xitwa għaddejjin,
Uliedek jistinkaw mingħajr tixrid!

4/5/80 WALLACE PH. GULIA